qodma, għalkemm traduzzjoni mill-Franċiż, ta' min isemmi il-poeżija Għanja ta' Trijonf tal-Libertà li nkitbet bil-Franċiż minn La Coretterie, Segretarju tal-Kummissjoni tal-Gvern Franċiż, għall-Festa Nazzjonali tal-14 ta' Lulju, 1798 maqluba bit-Taljan u bil-Malti (Archivum Melitense. Vol. V. paġ. 56). Versi oħra qodma nsibuhom fl-Arlekkin jeu Kaulata Inglisa u Maltija (1838) maħruġ bħala Supplement tal-Harlequin, ġurnal Ingliż, fl-okkażjoni taż-Żjara tar-Reġina Adelaide f'Malta. Dan kien l-ewwel ġurnal Malti fejn dehru żewġ poeżiji, waħda bl-isem ta' l-Imħabba u l-Fantażija, versi ottonarji, kwartini, b'sitta u għoxrin strofa, traduzzjoni bil-Malti mill-Ingliż ta' Mrs. Iliff, u l-oħra sunett. Iż-żewġ poeżiji, għaż-żmien li nkitbu, huma l-isbaħ eżempji ta' poeżija Maltija li tista' toqgħod mal-poeżija Maltija tal-lum f'antoloġija għal dak li hu ħsieb, stil u forma teknika. Dnub li m'għandniex l-isem ta' min kitibhom. Ma' dawn, bħala versi bikrija, ta' min isemmi fuq fuq: it-Tliet Għanjiet bil-Malti miktubin minn Gioacchino Navarro, Kava-lier Konventwali, miġjubin mill-Kavalier St Priest f'Malte pour un Voyageur Francois (1791); għanjiet oħra bil-Malti miġjubin fid-Description of Malta and Gozo ta' G. Badger, 1838; versi ta' Luigi Rosato: Għadut Malti Għat-Tifkira tar-Reġina Adelaide fl-Ewwel Miġja tagħha fit-Teatru, fil-Għaxra ta' Diċembru, 1838; oħrajn minn Richard Taylor "Jum il-Ħaqq", traduzzjoni mill-Judgement Day ta' Young (1845), kif ukoll versi oħra tiegħu flimkien ma' versi ta' kittieba oħra tas-Seklu Tmintax u Dsatax li nsibu fit-tliet kotba "Kitba u Kittieba tal-Malti" ta' Ġ. Cassar Pullicino (1962).

Gio. Anton Vassallo bil-Għana għall-Kitarra msemmijin minn Ġ. Cassar Pulliċino (opus cit.) ħallielna mera tal-poeżija tradizzjonali tal-vers settenarju u ottonarju tal-għana Malti li fihom il-motivi huma iktarx romantiċi u erotiċi, xi drabi narrativi u sensazzjonali.

Waħda mill-eqdem għanjiet, li għandha minn ballata, hija dik tal-Għarusa tal-Mosta li kienet dehret l-ewwel darba stampata fl-Archivio Glottologico Italiano fl-1895 mill-Professur L. Bonelli. Tinsab ukoll fil-Malta Cananea ta' A. Preca, xogħol stampat fl-1904, wara l-mewt tal-awtur, minn Alfonso Maria Galea. Milli jidher Bonelli kien kiseb din l-għanja minn għand Preca stess, li mill-banda l-oħra kien tahielu miktuba Dun Pawl Chetcuti mill-Mosta, fil-waqt li dana kien semagħha minn mara xiħa li kienet zitu. (*)

Għeluq is-Seklu Dsatax u l-bidu tas-Seklu Għoxrin, il-poeżija Maltija bdiet tieħu forma iżjed Prosodika, fil-metru, fl-argument u fl-istil taħt l-influwenza tal-poeżija klassika Taljana. Kienet il-pinna tar-romanzier u poeta Ġużè Muscat Azzopardi fil-Ħabbar Malti u f'ġurnali oħra bdiet tlibbes il-Musa Maltija b'libsa ġdida li b'xi mod



kont tista' xxebbaħha ma' dik li biha naraw miksija l-poeżija klassika, iżda bit-tama li maż-żmien għad tilħaq livell wisq ogħla, kif difatti kellna naraw tassew wara fil-versi ta' Dun Karm u ta' Cuschieri, li mħajrin mid-Direttur ta' Il-Ħabib, Ġ. Muscat Azzopardi, fl-1912, biex jieħdu sehem fil-missjoni tiegħu għal kitba tajba bil-Malti f'dak il-ġurnal, kienu fetħu t-triq tal-koltivazzjoni letterarja tal-Malti, li l-lum narawha, l-iktar fil-versi, fl-aqwa tagħha mill-pinna prolifika tal-ġenerazzjoni ġdida.

a.c.

(*) Dwar din il-għanja jinsab studju ta' Ettore Rossi f'Lares (Sett. 1932) bl-isem ta' Scibilia Nobili e la Leggenda Maltese della Sposa della Mosta u ieħor b'kommenti kritiċi, ta' A. Cremona: Is the Maid of Mosta a Myth? fil-Journal of the Malta University Literary Society, No. 10, March, 1934, u ieħor ta' Raffaele Corso "La Canzone delle Sposa rapita dai pirati barbareschi f'La Rivista d'Oriente (Ottobre, 1936).

# FIRDA

## Ta' OLIVER FRIGGIERI

Bħal vleġġa li, maħruba, toħroġ tiġri
kif tħoss tinħall il-ġibda li jassritha
mal-qaws, int ħrabtli 'l bogħod, ħamiema bajda,
u ħallejtni nħares lejk, togħla u titbiegħed
bla tama li narak mill-ġdid fuq drieghi,
ittiegħem, biex iżżoqq, il-qamħ f'idejja.

U ħrabt biex tgħix ħajj'oħra,... iżda fil-bejta
ħallejt id-dell tal-mewt ihedded il-ħajja
ta' żewġ ħajjiet... Ħallejthom f'kenn it-tiben
li f'għaqlek ġbart, jgħajtulek biex bħal qabel
titmagħhom,... iżd'għalxejn!... il-karba tagħhom
ma tmiss qalb ħadd! U l-Mewt tirbaħ il-Ħajja!

Iżd'inti ma taħtix! Ma tafx bil-ħerba
li ġibt warajk! 'Mma l-bniedem jaf! Misħut!